# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 35



**BENEDETTU XVI**
**(2005-2013)**
**Igħid :**
**Ir-Rużarju huwa 't-talba tan-Nisrani li jimxi 'il quddiem fil-pellegrinaġġ tal-fidi, fil-mixi wara Ġesù, b'Marija miexja qablu.'**

**Nixtiequ nilqgħu it-talba materna tal-Verġni, waqt li nintrabtu li nirreċitaw ir-Rużarju bil-fidi għall-paċi fil-familji, fin-nazzjonijiet, u fid-dinja kollha.**

**Ir-Rużarju huwa mezz mogħti mill-Verġni biex nikkontemplaw lil Ġesù u nimmeditaw fuq ħajtu, biex inħobbuh u nsegwuh dejjem aktar b'mod fidil.**

**Egħżież żgħażagħ, nistedinkom biex tagħrfu l-valur ta' din it-talba tradizjonali Marjana li tgħinna nifhmu aħjar il-mumenti ċentrali tas-salvazzjoni mwettqa minn Kristu.**

**Egħżież morda, neżortakom biex idduru b'fiduċja lejn il-Verġni, permezz ta' dan l-eżerċizju ta' tieba, waqt li tafdaw il-bżonnijiet kollha tagħkom f'idejha.**



**Egħżież miżżewġin friski nistedinkom li tagħmlu mit-talba tar-Rużarju fil-familja mument ta' tkabbir spirtwali taħt il-ħarsien matern tal-Verġni Marija.**

Meta l-Kardinal Tarcisio Bertone kien qed ikellem lis-Seminaristi fil-Perù fit-30 t'Awwissu, 2007 qalilhom hekk:

**Meta nitolbu r-Rużarju, 'nkunu qed nimitaw lill-Q.T. Benedettu XVI, li jirreċitah spiss kull filgħodu u jużah biex jikkontempla ma' Marija l-Wiċċ ta' Ġesù.**

**Mill-Ktieb: Is-Sigriet tar-Rużarju**
**San Alwiġi Grignon de Montfort jispjegalna s-sbuħija tal-Ave Maria**

**Jum wieħed Santa Ġertrude rat f'dehra lill-Mulej jgħodd muniti tad-deheb. Staqsietu x'kien qed jagħmel u weġibha: 'Qed ngħodd l-Ave Marijiet li għidt int; b'dawn il-flus int se tixtri l-Ġenna'.**
(nota: Il-Ġenna niksbuha għall-merti ta' Kristu, biss, jeħtieġ ukoll li naghmlu l-opri t-tajba)

**Darba meta Santa Matilde kienet titlob u taħseb kif taqbad tesprimi mħabbitha lejn il-Verġni Mbierka dejjem aktar, daħlet f'estasi. Dehritilha l-Madonna u fuq sidirha b'ittri tad-deheb kellha l-kelmiet tat-Tislima (li għamlilha Gabriel).**
**'Binti, rridek tkun taf li ħadd ma jista' jogħġobni aktar milli jgħid it-tislima li l-Adorabbli Trinità ppreżentatli u li biha jiena kont mgħollija għad-dinjità ta' Omm Alla'.**